**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Avviz Nru. 401/09VG**

**Albert Cassar**

**Vs**

**Michael Debono Limited**

**Illum 16 ta' Gunju 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avviz ipprezentat minn Albert Cassar fis-26 ta' Ottubru 2009 permezz ta' liema jitlob li s-socjetà Michael Debono Limited tigi kkundannata thallsu dik is-somma li tigi likwidata mill-Qorti, okkorrendo bl-opra ta' perit nominand, rapprezentanti d-deprezzament tal-valur tal-vettura Toyota Auris bin-Numru ta' Registrazzjoni CBR-563 fuq il-prezz imhallas ghall-istess vettura minnu mixtrija minghand l-imsemmija socjetà u dan ai termini ta' l-Artikolu 1390 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-vettura precitata ma hijiex tal-kwalità imwieghda kif ser jirrizulta mit-trattazzjoni tal-kawza u mir-rapport ta' l-espert Joseph Zammit anness ma' l-Avviz bhala Dok. "A", bl-imghax mid-data tal-konsenja tal-vettura sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra s-socjetà Michael Debono Limited;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur li l-valur tal-mertu ta' dawn il-proceduri ma jeccedix is-sitt elef u hames mitt Euro (€6,500);

Rat id-dokument markat Dok. "A", ossia r-rapport ta' Joseph Zammit datat 15 ta' Lulju 2009, anness mar-Rikors promotur a fol. 2 sa' 8 tal-process;

Rat ir-Risposta tas-socjetà Michael Debono Limited permezz ta' liema topponi ghat-talba attrici u titlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-attur, stante li: (i) it-talba ta' l-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt peress li ma huwiex minnu li l-vettura konsenjata lilu ma kenitx tal-kwalità pattwita; u (ii) minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, ghandhom japplikaw il-principji

tal-proporzjonalità kif stabbiliti fl-Att dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur, Kap.378 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li minhabba n-natura teknika tal-kwistjoni formanti l-mertu ta' dawn il-proceduri, b'Digriet datat 28 ta' Mejju 2010 gie nominat bhala Perit Tekniku Mario Buttigieg, u dan a spejjez provvizorji ta' l-attur;

Rat ir-Rapport tal-Perit Tekniku Mario Buttigieg a fol. 35 sa' 48 tal-process;

Semghet ix-xhieda tal-Perit Tekniku Mario Buttigieg[1] u ta' l-Espert *ex parte* Joseph Zammit[2] moghtija waqt is-seduta tat-2 ta' Mejju 2011, ix-xhieda ta' l-attur moghtija waqt is-seduti ta' l-10 ta' Ottubru 2011[3] u tal-21 ta' Novembru 2011[4] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "MC1" a fol. 65 sa' 67 tal-process, rat l-affidavit ta' Massimo Panzavecchia, General Sales Manager mas-socjetà konvenuta, a fol. 70 sa' 74 tal-process u semghet ix-xhieda ta' l-istess Massimo Panzavecchia moghtija waqt is-seduta tat-8 ta' Mejju 2012[5];

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-attur jitlob li s-socjetà konvenuta tigi kkundannata thallsu somma, li tigi likwidata minn din il-Qorti, liema somma ma teccedix l-ammont ta' €6,500, rapprezentanti d-deprezzament tal-valur tal-vettura ta' l-ghamla Toyota Auris bin-Numru ta' Registrazzjoni CBR-563 fuq il-prezz imhallas ghall-istess vettura minnu mixtrija minghand is-socjetà konvenuta u dan ai termini ta' l-Artikolu 1390 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li l-vettura imsemmija ma hijiex tal-kwalità imwieghda. Is-socjetà konvenuta tilqa' ghat-talba attrici bl-eccezzjonijiet illi: (i) it-talba ta' l-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li ma huwiex minnu li l-vettura konsenjata lilu ma kenitx tal-kwalità pattwita; u (ii) minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, ghandhom japplikaw il-principji tal-proporzjonalità kif stabbiliti fl-Att dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur, Kap.378 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mill-provi prodotti u mill-atti processwali jirrizultaw is-segwenti fatti:

- Fit-3 ta' April 2009[6] l-attur akkwista minghand is-socjetà konvenuta l-vettura ta' l-ghamla Toyota Auris bin-Numru ta' Registrazzjoni CBR-563, liema vettura hija ta' kulur iswed *metallic*;

[1] Fol. 51 sa' 53 tal-process.
[2] Fol. 54 sa' 56 tal-process.
[3] Fol. 62 u 63 tal-process.
[4] Fol. 68 tal-process.
[5] Fol. 77 sa' 82 tal-process.
[6] Dok. "MC1" a fol. 67 tal-process.

- Huwa akkwista din il-vettura gdida versu l-prezz ta' €17,794[7];
- Dakinhar li mar biex jirtira l-vettura in kwistjoni mix-*showroom* tas-socjetà konvenuta, l-attur induna li kien hemm tebgha fuq il-bonnet u tebgha ohra fuq is-saqaf tal-vettura;
- L-attur immedjatament gibed l-attenzjoni tar-rapprezentanti tas-socjetà konvenuta dwar dawn it-tbajja u filwaqt li gie minnhom rikonoxxut li verament kien hemm t-tbajja indikati mill-attur u riedu jirrimedjaw ghall-istess, baqa' ma ntlahaq l-ebda arrangement bejn l-attur u s-socjetà konvenuta;
- L-attur ha pussess tal-vettura fl-istat li kienet u inkariga lil Joseph Zammit sabiex ihejji rapport dwar it-tbajja fil-vettura, in-natura ta' l-istess tbajja u l-effett ekonomiku ta' tali tbajja fuq il-vettura;
- Wara li ezamina l-vettura in kwistjoni Joseph Zammit ikkonstata u ikkonkluda li x'aktarx il-problema kienet ta' sadid fil-pjanci tal-vettura, liema sitwazzjoni twassal ghal deprezzament fil-valur ta' l-istess vettura ta' €6,500. Fir-rapport tieghu datat 15 ta' Lulju 2009[8] Joseph Zammit osserva li *it can be ascertained that this defect is not in the spray painting itself, but is more evidently rust underneath the spray effecting the metal panels of the roof panel and the bonnet lid. That it may be further ascertained whether this defect is one that will grow in intensity, it will be necessary that the existing spray paint on these two panels be removed all the way down to the metal underneath that the metal may be properly examined. If this defect on the metal panels is positively identified in the bonnet lid, this of itself is not a major problem as this panel can easily be replaced subsequently to being sprayed the same colour. However it is not so easily dispelled or treated where it is affecting the roof panel as this forms an integral part of the vehicle body. Should this defect be not so serious as it may be thus treated after being sanded down to the metal, this however, will do away with the original condition of this very vehicle. Therefore as a consequence of these tests the vehicle will depreciate substantially in value and this considering that these defects were immediately noticed by the owner shortly after the car was brought out on the road as new on the 9th April 2009. It is to note that immediately this defect was brought to the notice of the local agents they confirmed the existence of such defects to an extent that they confirmed the existence of such defects to an extent that they offered him the sum of €450 and to carry out a service free of charge. This offer has been refused by the owner and his legal counsel. If the owner accepts that the agents affect these repairs on his behalf there will result a much greater depreciation in cost. This car was purchased as new for the sum of €17,600 paid in cash and should these works be carried out this vehicle will suffer a depreciation of about €6,500*;

---

[7] Dok. "MC1" a fol. 65 sa' 67 tal-process.
[8] Dok. "A" fol. 2 sa' 6 tal-process.

- In segwitu ghal tali rapport u peress illi baqa' ma ntlahaq l-ebda ftehim bejn l-attur u s-socjetà konvenuta gew istitwiti l-proceduri odjerni ghall-hlas ta' somma rapprezentanti d-deprezzament fil-valur tal-vettura in kwistjoni a tenur ta' l-Artikolu 1390 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, peress illi skond l-attur l-istess vettura ma hijiex tal-kwalità mwieghda;
- Fix-xhieda li ta quddiem il-Qorti waqt is-seduta tat-2 ta' Mejju 2011[9], Joseph Zammit varja l-posizzjoni li huwa kien adotta fir-rapport tieghu tal-15 ta' Lulju 2009 stante li issa ddikjara li ladarba l-attur ma kellmux iktar minn dak iz-zmien 'l hawn u ma jidhirx li t-tbajja komplew jizdiedu allura l-kwistjoni kienet iktar ta' tbajja fil-*lacquer* tal-vettura milli ta' sadid fil-pjanci tal-vettura kif originarjament kellu s-suspett li seta' kien il-kaz. Huwa varja anke l-opinjoni tieghu dwar id-deprezzament tal-vettura fis-sens illi ddikjara li *fir-rapport tieghi li jinsab a fol. 2 sa' 6 tal-process jiena fil-konkluzzjoni tieghi ghidt li din il-vettura qed issofri deprezzament ta' madwar €6,500 madanakollu jiena nghid li din il-figura hija zbaljata u d-deprezzament ikun ta' madwar €2,500. Dan id-deprezzament kollu huwa minhabba x-xoghol estensiv illi jrid isir biex it-tbajja jitnehhew. Dan ghar-raguni li wara li jsir ix-xoghol in kwistjoni fuq il-vettura, din tkun trid tigi litteralment baked biex il-lacquer isir. Is-somma ta' €2,500 hija biss depreciation, il-valur tax-xoghol biex isir l-irrangar mhux inkluz fiha. Id-depreciation hija daqshekk sostanzjali minhabba il-baking li jkun irid isir tal-vettura, partijiet sostanzjali minnha, bhal ezempju l-hgieg ikunu jridu jigu stripjati ghar-raguni li issirilhom il-hsara fil-process. ... Qed nigi mistoqsi kif wasalt ghall-ammont ta' €2,500 bhala depriciation nghid illi jiena dan wasalt ghalih ghar-raguni li minhabba x-xohol estensiv li jrid isir fuq il-vettura din ma tibqax ta' l-istess kwalità bhallikieku gdida. Fil-verità nghid li kwazi kwazi jkun ahjar ghall-attur li jibqa' bil-vettura kif inhi milli jaghmel ix-xoghol rimedjali mehtieg.;*
- Filwaqt li s-socjetà konvenuta, tramite x-xhud Massimo Panzavecchia, ghadha tirrikonoxxi li t-tbajja nnutati mill-attur fuq il-bonnet u fuq is-saqaf tal-vettura realment qeghdin hemm, hija ssostni li mhux minnu li il-vettura in kwistjoni ma hijiex tal-kwalità imwieghda u li konsegwentement il-pretensjoni ta' l-attur hija, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, kompletament ingustifikata. Fir-rigward Massimo Panzavecchia xehed illi *dawn l-imperfezzjonijiet kienu zewg tikkiet zghar, kwazi qas jidhru u li ma kienux fil-bodywork per se tal-karozza. Wiehed irid verament ihares mill-vicin taht dawl qawwi biex forsi jarahom – litteralment id-daqs taghhom qisu l-ponta ta' labra tal-hjata – certament ma kienux difetti fil-bodywork tal-karozza jew fil-magna tal-karozza jew li b'xi mod kien ser taffettwa d-dehra generali tal-karozza jew l-uzu/sewqan tal-karozza. Barra minn hekk, jiena w anke il-kollegi tieghi diversi drabi spjegajna lis-Sur Cassar illi stajna nirrangaw dawn iz-zewg tikkiet li kien hemm fuq il-bodywork*

[9] Fol. 54 sa' 56 tal-process.

*minghajr problema ta' xejn, bl-aktar mod professjonali u dan peress illi t-tikkiet ma kienux hsara per se izda semplicement fil-laquer. Dan konna lesti naghmluh totalment ghas-spejjez taghna... Izda sfortunatament is-Sur Cassar baqa' jinsisti illi ma ried ili hadd imisslu l-karozza tieghu u dan peress li kienet gdida u skond hu konna ser nirrovinawlu l-karozza. Irrid nghid li filwaqt li nifhmu li klijent mhux ser jiehu gost illi wiehed imisslu karozza gdida, ahna ridna li huwa jifhem li dawn it-tikkek hadd ma jista' jarahom (hlief jekk ipoggi wiccu mal-karozza – li hadd ma kien ser jaghmel) izda l-iktar haga importanti kienet illi bla dubju ta' xejn dawn ma kienux ser jaggravaw jew jikbru fid-daqs taghhom jew sahansitra jikkawzaw xi danni ohra fil-vettura. Inzid nghid li mhiex ghalavolja mhiex haga komuni, lanqas ma hi l-ewwel darba li vetturi godda jkollhom imperfezzjonijiet bhal dawn, u dawn jigu rimedjati minna skond il-proceduri stabbiliti mit-Toyota qabel jinbieghu – u dan ghaliex hija prattika accettata peress illi ahna ta' Michael Debono Limited ghandna it-teknologija standard tat-Toyota illi l-ispray taghna huwa l-istess spray tal-fabbrika. Illi ghalhekk spjegajnilu wkoll illi huwa ma setax jippretendi illi qisu dan xtara karozza difettuza bhal ma tkun wahda li forsi ghandha daqqa li tidher facilment jew li l-magna ma tahdimx sew. Ovvjament, hassejna li wiehed ghandu jkun ragjonevoli, prattiku w anke proporzjonat ma' dak li jitlob fil-kuntest tad-"difett" jekk wiehed jista' jsejjahlu hekk. Ahna hassejna li s-Sur Cassar kellu jaghtina l-opportunità nippruvaw innehhu dawn iz-zewg tikkiet li ma kienux ta' natura permanenti, u li setghu jitnehhew b'mod professjonali minghajr ma jigi kkawzat l-ebda forma ta' hsara lill-vettura jew deprezzament fil-valur taghha skond il-garanzija tal-karozza. Meta nsista maghna li ma xtaqx li nippruvaw nibbuffjaw dawn iz-zewg tikkiet, ahna offrejnilu kumpens in good faith. L-ewwel, ahna offrejna li naghmlu t-tiswijiet kollha mehtiega b'xejn, inkluz offrejnilu l-ewwel service tal-karozza b'xejn, kif ukoll karozza tal-kiri waqt li jsir ix-xoghol ta' tiswija b'xejn u dan bhala sinjal ta' rieda tajba ta' l-inkonvenjent li hloqnilu sakemm irrangajna dawn iz-zewg tikkiet. Alternattivament, jekk is-Sur Cassar ma riedx illi mmissulu l-vettura biex nirrangawha, offrejna l-ammont tat-tiswija kollha in cash. Bhala alternattiva offrejna wkoll li nbiddlu l-bonnet tal-karozza tieghu b'ohra ta' l-istess kulur ezatt, u dan minn ta' karozza gdida li kienet ghadha mhux mibjugha, bicca xoghol illi ddum kwarta kollox biex titbiddel u li zgur ma kienet ser taffettwah lis-Sur Cassar. Izda din giet irrifjutata wkoll. Illi fl-ahhar kien hareg bic-car illi is-Sur Cassar fil-verità ma kienx interessat f'soluzzjoni u ma kienx lest jaccetta xi forma ta' tiswija. Li ried is-Sur Cassar kien biss illi jfittex lil Michael Debono Ltd. ghal aktar minn terz tal-valur tal-vettura;*

- Fid-dawl tan-natura teknika tal-mertu ta' dawn il-proceduri gie nominat Mario Buttigieg bhala Perit Tekniku li rrelata dwar it-tbajja fil-vettura in kwistjoni u ghamel valutazzjoni ta' kemm tiswa llum il-gurnata tali vettura. L-imsemmi Perit Tekniku kkonkluda li *minn ezami li sar fuq din il-vettura jirrizulta li din il-vettura hija f'kundizzjoni tajba hafna u*

> *kull ma kellha kienu zewg tebghat zghar fuq is-saqaf u fuq il-bonnet rispettivament. Illi gie kkonstatat minn ezami li sar fuq l-istess vettura waqt access illi zewg tebghat kienu saru b'konsegwenza peress li meta kien qed isir ix-xoghol ta' l-ispray fil-fabbrika ta' manifattura dawn iz-zewg postijiet ma gewx milquta. Illi minflok gew irrangati sar il-lacquer fuq l-istess spray b'konsegwenza li gew jidhru l-istess tbajja. Illi gie stabbilit li jekk il-vettura tissewwa professjonalment u kif suppost, il-valur tal-vettura Toyota ma ghandux jinzel u b'konsegwenza l-market value taghha jibqa' l-istess u cioè l-ammont ta' erbatax-il elf euro (€14,000). Illi fl-opinjoni umli ta' l-esponent ix-xoghol ghandu jsir taht garanzija, u filwaqt li jkun ghaddej l-istess xoghol fuq il-vettura, sid il-vettura ghandu jigi moghti vettura tal-kiri bi spejjez tas-socjetà konvenuta*[10].

Mill-provi prodotti jirrizulta b'mod car li ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet kontendenti dwar l-ezistenza ta' tebgha fuq il-bonnet u tebgha ohra fuq is-saqaf tal-vettura akkwistata mill-attur. Il-kontestazzjoni bejniethom hija dwar l-effett ta' tali tbajja fuq il-vettura, ossia tali tbajja jirrendux il-vettura in kwistjoni mhux tal-kwalità mwieghda kif pretiz mill-attur jew inkella le kif affermat mis-socjetà konvenuta.

Dejjem mill-provi prodotti u mir-realzzjonijiet kemm ta' l-espert *ex parte* Joseph Zammit kif ukoll tal-Perit Tekniku Mario Buttigieg, jirrizulta li t-tbajja li hemm fuq il-bonnet u fuq is-saqaf tal-vettura ta' l-attur, li ma humiex kawzati minn sadid fil-pjanci tal-vettura in kwistjoni izda huma difetti fil-*lacquer* ta' l-istess vettura, jistghu jitrangaw. Ghalkemm Joseph Zammit jikkontendi li x-xoghol mehtieg biex jitrangaw tali tbajja, partikolarment dik tas-saqaf peress illi l-bonnet jista' fl-ahhar mill-ahhar jinbidel, jista' jwassal ghal deprezzament fil-valur tal-vettura mentri l-Perit Tekniku jikkonetendi li *jekk ix-xoghol isir professjonalment u sewwa m'ghandux ikun hemm l-ebda devaluazzjoni fil-vettura peress li l-vettura ma sofriet l-ebda hsarat strutturali*, jibqa' l-fatt li t-tbajja li hemm fil-vettura ta' l-attur jistghu effettivament jittrangaw. Fid-dawl ta' dan il-fatt il-Qorti tqis illi fil-kaz in ezami ma hawnx sitwazzjoni ta' vettura mhux tal-kwalità imwieghda kif pretiz mill-attur imma se mai vettura li hija afflitta minn difett fil-*lacquer* taghha. Din l-osservazzjoni ssib konferma f'dak osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Borg et v. Vincent Borg, Citaz. Nru.1983/95** deciza fis-16 ta' Jannar 2003: *kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Pace vs Castle Management Ltd." deciza fid-29 ta' Marzu 1999, difetti li jistghu jittrangaw, irendu l-oggett difettuz u mhux jaghmel mill-oggett mhux tal-kwalità pattwita.*

Kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Cassar Aveta noe v. Joseph Gatt et,** deciza fil-4 ta' Dicembru 1998[11], *lanzjanza*

[10] Rapport a fol. 35 sa' 48 tal-process.
[11] Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri Vol. LXXXII – ii – 1273.

*dwar nuqqas ta' kwalità pattwita tkun tikkoncerna dak li ma jirrendix (l-oggett) vizzjat jew difettuz imma biss ta' pregju minuri jew ta' kwalità inferjuri (Giovanni Sammut v. Philip Grima deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-7 ta' Ottubru 1954 - Carmelo Zammit v. Reverendu Dun Anton Aquilina nomine deciza mill-Prim' Awla fit-8 ta' Jannar 1993).*

Fil-kaz in ezami t-tbajja in kwistjoni ma jistghux jitqiesu li jirrendu l-vettura ta' l-attur ta' pregju minuri jew ta' kwalità inferjuri u dana billi oltre l-fatt li jistghu jittrangaw minghajr dannu lill-istess vettura u b'mod li t-tiswija ma tigix tidher, u dana nonostante dak affermat minn Joseph Zammit dwar ix-xoghol rimedjali li jista' jigi esegwit, liema affermazzjonijiet fil-fehma tal-Qorti gew altru milli kontradetti kemm mill-Perit Tekniku kif ukoll mis-socjetà konvenuta, it-tbajja in kwistjoni huma zghar hafna tant illi l-Perit Tekniku xehed illi *qed nigi mistoqsi jekk id-difetti li kellha l-vettura in kwistjoni humiex facilment vizibbli, nghid illi le. Dana ma jaqbizx mill-ewwel ghall-ewwel ghall-ghajn, wiehed irid jifli l-vettura sew meta jaraha. Fejn hemm it-tbajja l-karozza hija lixxa u m'hemm l-ebda abbuzzjatura li forsi jista' jaghti indikazzjoni ta' xi haga. Id-difett li ghandha l-vettura mhuwiex fil-body li ghandha l-vettura izda sempliciment fl-ispray taghha*[12].

In verità t-tbajja in kwistjoni huma tali li minhabba fihom l-attur ma giex u ma huwiex inibit jew prekluz milli jaghmel uzu mill-vettura ghall-iskop li ghaliha giet akkwistata, ossia biex jsuq l-istess u jiccirkola biha. In effetti l-attur ha pussess tal-vettura, ghamel uzu mill-vettura u jidher li ghadu qed jaghmel hekk uzu minnha sal-gurnata ta' llum bit-tbajja in kwistjoni jibqghu l-istess u ma jikbrux u/jew ma jizdidux.

Fir-rigward ta' din l-ahhar osservazzjoni ssir referenza ghal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Medcomms Limited v. Peter Muscat Scerri**, **Appell Civili Nru. 727/00** deciza fil-31 ta' Jannar 2014: *a propozitu l-Kodici Civili Taljan jikkontjeni disposizzjoni specifika fir-rigward (Art. 1497) li giet hekk interpretata mill-Qorti ta' Kassazzjoni. "Si è precisato in gurisprudenza che qualità essenziali devono considerarsi quelli indispensabili per l'uso cui la cosa di un determinate tipo è normalmente destinata (C 83/4175); della loro esistenza il venditore risponde anche se non siano state specificamente dedotte in contratto. Qualità promesse sono invece quelle atipiche, se inerenti ad un uso diverso da quello normalmente proprio della cosa venduta, oppure particolari, se inerenti ad un uso della cosa conforme alla sua destinazione, ma da farsi a determinate condizioni; della loro esitenza risponde solo ove siano state dedotte (anche implicitamente) in contratto" (C 93/6240, C 78/5257)…*

Fid-dawl ta' dan kollu osservat il-Qorti tirribadixxi li fil-fehma Taghha, f'dan il-kaz, ma jirrizultax li l-vettura akkwistata mill-attur minghand is-socjetà

[12] Xhieda in eskussjoni moghtija waqt is-seduta tat-2 ta' Mejju 2011, fol. 51 sa' 53 tal-process.

konvenuta ma hijiex tajba ghall-uzu li ghalih hija ddestinata izda hija tajba ghall-iskop li ghalih inxtrat imma ghandha difett minimu fil-*lacquer* tal-bonnet u tas-saqaf.

Ladarba jirrizulta li kuntrarjament ghal dak pretiz mill-attur hawn mhux kaz li il-vettura minnu akkwistata minghand is-socjetà konvenuta ma kenitx tal-kwalità mwieghda, necessarjament isegwi li r-rimedju minnu mitlub permezz ta' l-azzjoni intentata specifikatament a tenur ta' l-Artikolu 1390 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu jipprovdi li *jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwieghda, jew ma tkunx bhall-kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista' jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' periti*[13], ma jistax jigi lilu koncess in kwantu fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz tali azzjoni u konsegwenti rimedju ma jikkompetux lilu.

Fid-dawl ta' tali konkluzzjoni, li essenzjalment tikkonferma l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjetà konvenuta, l-Qorti tqis li ma ghandhiex ghalfejn tittratta it-tieni eccezzjoni sollevata mill-imsemmija socjetà konvenuta u ghaldaqstant tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tastjeni milli tieghu konjizzjoni tat-tieni eccezzjoni sollevata mis-socjetà konvenuta, tilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' l-istess socjetà konvenuta u konsegwentement tichad it-talba attrici.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mill-attur.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**

[13] Sottolinear tal-Qorti u r-rimedju specifiku mitlub mill-attur fil-kaz in ezami.